6.3.2024 A9-0068/28

**Emenda 28**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza li l-baġit għall-2025 għandu jkun aktar effiċjenti, trasparenti u bbażat fuq il-prestazzjoni sabiex jipprovdi tnaqqis konkret fin-nefqa amministrattiva u jiżgura l-użu effiċjenti u responsabbli tal-flus tal-kontribwenti; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġi evalwat kif xieraq liema fondi jistgħu jkunu ġestiti aħjar fil-livell nazzjonali sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;*** |

Or. en

6.3.2024 A9-0068/29

**Emenda 29**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jisħaq li l-prijoritajiet u l-kompiti politiċi ġodda jridu jimxu id f'id mal-użu effiċjenti tar-riżorsi; jistaqsi jekk il-prijoritajiet u l-kompiti politiċi tal-aġenziji deċentralizzati jistgħux ikunu implimentati aħjar mid-Direttorati Ġenerali eżistenti tal-Kummissjoni jew mill-Istati Membri sabiex tiġi prevenuta d-duplikazzjoni tar-rwoli u l-kostijiet u anke sabiex titjieb it-trasparenza;*** |

Or. en

6.3.2024 A9-0068/30

**Emenda 30**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jenfasizza li miżuri ġodda adottati fil-livell tal-UE ma għandhomx joħolqu piżijiet addizzjonali fuq l-SMEs;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/31

**Emenda 31**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu rigward il-fatt li l-Kummissjoni ffinanzjat jew ikkofinanzjat kampanji li jippromwovu l-velu Iżlamiku, fejn ġie ddikjarat, pereżempju, li "l-libertà tinsab fil-ħiġab"; jisħaq li l-baġit tal-Unjoni ma jrid jiffinanzja ebda kampanja futura li x'aktarx tippromwovi l-velu jew li indirettament tittrivjalizza l-ilbies obbigatorju tal-velu;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/32

**Emenda 32**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jitlob lill-UE biex ma ddgħajjifx is-suq Ewropew tal-prodotti agrikoli billi tiffirma ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi bħal dawk tal-Mercosur, li jmorru kontra l-interess tal-bdiewa Ewropej u joħolqu kompetizzjoni inġusta; jissottolinja li dawn l-azzjonijiet ifixklu l-isforzi sinifikanti li saru mill-bdiewa Ewropej biex jilħqu standards ambjentali u ta' kwalità ogħla;*** |

Or. en

6.3.2024 A9-0068/33

**Emenda 33**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***35a. Jissottolinja l-falliment tal-politiki tal-UE li jipprevjenu l-flussi migratorji u t-traffikar tal-bnedmin; itenni t-tħassib tiegħu dwar l-użu ta' finanzjament allokat għall-migrazzjoni, l-ażil u l-protezzjoni tal-fruntieri u r-rwol li għandhom strumenti bħall-Fond għas-Sigurtà Interna u l-AMIF, li għandhom, l-ewwel u qabel kollox, jiggarantixxu l-implimentazzjoni xierqa ta' politika tal-ażil rigoruża f'konformità mad-dritt internazzjonali filwaqt li jimblokkaw l-immigrazzjoni illegali u jiżguraw il-protezzjoni tal-fruntieri u politika effettiva ta' ritorn u ta' riammissjoni;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/34

**Emenda 34**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40a. Jappella għal waqfien immedjat tan-negozjati tal-adeżjoni tal-Unjoni mat-Turkija u għas-sospensjoni fil-pront tal-finanzjament ipprovdut lil dak il-pajjiż, peress li t-Turkija ma tirrispettax bosta mill-prinċipji bażiċi tal-libertà u d-demokrazija u intensifikat l-imġiba aggressiva tagħha fiż-żona tal-Mediterran u lil hinn, u dan qed jibda jkun ta' theddida reali għal ħafna Stati Membri;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0068/35

**Emenda 35**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42a. Jisħaq li kwalunkwe finanzjament fl-ambitu tal-NDICI għandu jkun sottopost għall-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' ritorn u ta' riammissjoni;*** |

Or. en

6.3.2024 A9-0068/36

**Emenda 36**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 46a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***46a. Jappella għas-sospensjoni tal-finanzjament tal-UE lill-UNRWA, wara diversi allegazzjonijiet rigward l-involviment tal-persunal tal-UNRWA fl-attakk brutali mill-Ħamas kontra Iżrael f'Ottubru 2023;*** |

Or. en

6.3.2024 A9-0068/37

**Emenda 37**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0068/2024**
**Victor Negrescu**
Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 53**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 53. Ifakkar li implimentazzjoni xierqa ta' programmi mfassla tajjeb hija possibbli biss bl-appoġġ ta' amministrazzjoni ddedikata; ***jenfasizza l-ħidma essenzjali mwettqa mill-korpi u l-aġenziji*** deċentralizzati ***u jqis li dawn għandhom ikollhom biżżejjed persunal u riżorsi adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom; jenfasizza li l-kompiti tagħhom jevolvu f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika, bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u jisħaq li responsabbiltajiet ġodda, kif ukoll l-estensjoni tal-mandati tagħhom, iridu jkunu akkumpanjati b'mod proporzjonat minn riżorsi ġodda;*** | 53. Ifakkar li implimentazzjoni xierqa ta' programmi mfassla tajjeb hija possibbli biss bl-appoġġ ta' amministrazzjoni ddedikata; ***jisħaq, madankollu, li tkun meħtieġa investigazzjoni xierqa dwar l-iffrankar possibbli fil-baġit 2025, speċjalment għal aġenziji*** deċentralizzati***, fejn kemm l-għadd totali kif ukoll l-ispejjeż assoċjati tagħhom ikomplu jiżdiedu kull sena finanzjarja***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità